**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' April 2024**

**<u>Rikors ġuramentat nru : 272 /2023 AGV</u>**

**Fl-ismijiet:**

CA

Vs

Dr Simon M Stafrace

U PL Gillian Muscat

Mahtur bhala

Kuratau Deputati sabiex jirrapprezenta l-intimat

Assenti MMK

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-RIKORS GURAMENTAT ta' CA ;**

1. Kontestwalment ma' dan ir-rikors qieghed jigi prezentat rikors ai termini tal-Artikolu 930 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Minn relazzjoni bejn ir-rikorrenti u MMK , twieled tifel minuri *ossia* M K K A fis-27 ta' April 2012, u ghalhekk ghandu l-età ta' hdax-il sena, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li jinsab hawn anness u mmarkat bhala **'Dok. A'**.

3. Ir-relazzjoni ta' bejn ir-rikorrenti u M MK intemmet fis-sena 2014, u kien proprju fis-sena 2015 li sar l-ahhar kuntatt bejn il-kontendenti. Illum, ir-rikorrenti m'ghandha l-ebda informazzjoni dwar fejn qieghed jirrisjedi l-intimat, cioé jekk jinsabx hawn Malta jew jekk irritornax gewwa l-Indja, billi huwa ta' nazzjonalità Indjana. Mis-sena 2015, l-intimat m'ghamel l-ebda tentattiv da parti tieghu sabiex jara lill-minuri.

4. Il-minorenni jirrisjedi mar-rikorrenti omm fl-indirizz 32, Flat B, Triq ir-Rebbiegha, Hal-Ghaxaq, Malta, u jiddipendi kompletament fuq l-istess rikorrenti.

5. Permezz tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat is-27 ta' Novembru tas-sena 2023, l-esponenti kienet awtorizzata tipprocedi b'rikors guramentat skont l-Artikolu 930 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Kopja

legali tad-digriet imsemmi qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala **'Dok. B'**.

6. L-affidavit tar-rikorrenti omm qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala **'Dok. C'**.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. **Tappunta** Kuraturi Deputati ai termini tal-Artikolu 930 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jirrapprezentaw lill-konvenut MMK

2. **Takkorda** b'mod definittiv illi l-minorenni MKKA jirrisjedi mar-rikorrenti omm Carmen Abela u tordna li kwalunkwe assistenza statali ghall-minorenni tkun pagabbli unikament lir-rikorrenti ghad-eskluzjoni tal-intimat missier.

3. **Takkorda** b'mod definittiv il-kura u kustodja tal-minorenni MKKA lir-rikorrenti omm.

4. **Tordna** lli r-rikorrenti omm m'ghandiex bzonn il-firma tal-missier MMK jew ta' kwalunkwe persuna ohra sabiex tapplika u ggedded il-passaport u/jew il-karta tal-identità tal-minuri M K K A.

5. **Tordna** li kwalunkwe applikazzjonijiet u tigdid ta' passaporti u karti tal-identità tal-minorenni M K KA jigu ffirmati biss mir-rikorrenti omm ad eskluzjoni tal-missier.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Rat ir-risposta** ta' Dr Simon Micallef Stafrace u PL Gillian Muscat bhala kuraturi deputati mahtura ghall-assenti MK K datat 5 ta' Jannar 2024, fejn bil-qima jghidu li m' humiex edotti mil-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id -dritt li jipprezentaw risposta motivata f' kaz u jekk jigu edotti mill-fatti

Salv risposta ulterjuri .

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-attrici u MM K kellhom relazzjoni bejniethom, li minnha twieled il-minuri M KK A fis-27 taì April 2012. Ghalhekk it-tifel ser jaghlaq l-etaì taì tnax-il sena. Din ir-relazzjoni intemmet fis-sena 2014, u l-ahhar darba li M K ghamel kuntatt maì ibnu kien fìDicembru 2015. Minn dak iz-zmien sa llum, l-attrici tilfet kull kuntatt maì missier il-minuri, u ghalhekk kellha tiftah dawn il-proceduri kontra kuraturi deputati. Peress illi l-konvenut huwa barrani, l-attrici ma tafx jekk ghadux jirresjedi Malta, jew jekk irritornax lura lejn pajjiz twelidu, l-Indja. Hi qed titlob li tigi regolata l-kura w kustodja tat-tifel, sabiex tkun tistaì tapplikalu ghall-passaport wehidha minghajr il-htiega taì kunsens jew firma tal-missier, peress illi l-indirizz u r-residenza tieghu mhumiex maghrufa.

Illi l-attrici ressqet zewg affidavits taghha bhala provi fidin il-kawza, flimkien maì affidavit iehor taì ohtha, MA Minn dawn jirrisulta li missier il-minuri huwa assenti ghal kollox minn hajjet it-tifel, u dan l-istat taì fatt ilu hekk jissussisti sa minn Dicembru 2015, u cioeì minn meta l-attrici tilfet kull kuntatt minn mieghu. Di fatii hi tghid li lill-minuri rabbietu wehidha minghajr ebda assistenza tal-missier, u trid biss li tkun tistaì tibqaì tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-minuri minghajr ma jkollha ghalfejn tispjega lill-awtoritajiet li ma tistax tikseb il-firma jew il-kunsens tal-missier ghal kull applikazzjoni tat-tifel. L-attrici ghalhekk qed titlob li tkun tistaì tapplika ghall-bzonnijiet kollha tat-tifel wehidha minghajr ebda firma ohra.

L-attrici tghid li hi ghandha impieg stabbli, u li t-tifel jattendi l-iskola regolarment. Ghandha l-ghinuna necessarja mill-genituri taghha wkoll, meta jkun hemm bzonn. Dawn il-fatti gew ikkorroborati mix-xiehda taì oht l-attrici fl-affidavit taghha. Peress illi l-konvenut ma nstabx, ma gew prodotti ebda provi min-naha tieghu, u ghalhekk il-verzjoni taì fatti kif esposti mill-attrici huma ppruvati u jikkostitwixxu stat taì fatt.

Il-Qorti ghalhekk tifhem il-qaghda tal-attrici li, bhala l-uniku genitur, ghandha bzonn li jkollha s-setghat kollha taì genitur fuqha wehidha, u tkompli tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tat-tifel minghajr xkiel jew htiega li tikseb il-firma taì persuna li jistaì jkun mìghadhiex residenti Malta. It-talbiet tal-attrici ghandhom mis-sewwa u fidawn ic-cirkostanzi huma mehtiega u jaghmlu sens logiku, u l-Qorti ma tara ebda raguni biex tali talbiet ma jigux milqugha.

Ghaldaqstant il-Qorti sejra tilqaì t-talbiet kollha tal-attrici.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

TILQAì T-TALBIET ATTRICI.

1. **Takkorda** b'mod definittiv illi l-minorenni M K K A jirrisjedi mar-rikorrenti omm CA u tordna li kwalunkwe assistenza statali ghall-minorenni tkun pagabbli unikament lir-rikorrenti ghad-eskluzjoni tal-intimat missier.

2. **Takkorda** b'mod definittiv il-kura u kustodja tal-minorenni MKKA lir-rikorrenti omm.

3. **Tordna** lli r-rikorrenti omm m'ghandhiex bzonn il-firma tal-missier M MK jew ta' kwalunkwe persuna ohra sabiex tapplika u ggedded il-passaport u/jew il-karta tal-identità tal-minuri MKKA

4. **Tordna** li kwalunkwe applikazzjonijiet u tigdid ta' passaporti u karti tal-identità tal-minorenni MKKA jigu ffirmati biss mir-rikorrenti omm ad eskluzjoni tal-missier.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati temporanjament mill-attrici, izda jsiru rekuperabbli interament mill-konvenut, meta dan jinstab.

**Imhallef**

Onor. Anthony G Vella

Cettina Gauci ó **DEP REG**